KUNSILL LOKALI NADUR

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Nadur

## TMIEN (8) LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru Tmienja u Erbgħin (48)

## L-Ħamis, 17 ta' Mejju, 2018

Il-Kunsill Lokali tan-Nadur iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq it-Tramuntana, Nadur (Għawdex), fis-5:45 ta' filgħaxija. (Il-Laqgħa bdiet fis- 6:15pm)

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Edward Said | Sindku |
| Eucharist Camilleri | Viċi-Sindku |
| Michael Camilleri | Kunsillier |
| Dr. Rita Mifsud | Kunsilliera |
| Dr. Josianne Cutajar | Kunsilliera |

**UFFIĊJALI PREŻENTI**

| | |
|---|---|
| Sue Ellen Buġeja | Segretarju Eżekuttiv |
| Luke Galea | Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |

**MINUTI**

Is-Sindku Edward Said ippresjeda l-laqgħa.

Il-laqgħa bdiet b'talba.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

**48.1. Qari tal-ittri ta' l-apoloġiji.**

Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji f'dan ir-rigward.

**48.2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.**

Il-Minuti tas-sitta u erbgħin (46) laqgħa tat-18 ta' April, 2018 u tas-sebgħa u erbgħin (47) laqgħa tat-28 ta'April, 2018 ġew ikkoreġuti, approvati, iffirmati u ddikjarati bħala dokument uffiċjali.

**48.3. Komunikazzjoni mis-Sindku u mistoqsijiet mill-Kunsilliera.**

***Rivista Ħidmietna f'Isimkom*** – Is-Sindku innota li din tqassmet u kellna rispons posittiv dwarha.

***Visit Edukattiva ta' Tfal mit-Turkija*** – dawn ġew, kellhom esperjenzi edukattivi sbieħ, u aħna għinna b'laqgħa fil-Kunsill, lunches li ħadu ħsieb Antonia Portelli u Mekren Bakery u kellhom lezzjoni ma' Mary Portelli tal- mosaic. Leman Cetin bgħatet tirringrazzja lil Kunsill Lokali.

***Water Station fil-Kunsill*** – Din ġiet installata.

***Gozo Alive*** – Is-Sindku innota li din ser nipparteċipaw fiha nhar il-Ħadd 20 ta' Mejju, u ser jinfetħu Torri ta' Kenuna u Mużew Marittimu. Familja Cardona se jkunu stand-by mal-postijiet u l-ħaddiema naddfu kollox.

***Open Market*** – Is-Sindku innota li dan sar pero ma kienx suċċess peress li kellna ieħor l-Erbgħa ta' qabel. Hu kompla jghid li fil-futur tajjeb li ma nagħmluhomx daqsek qrib.

***Ġemellaġġ*** – Rigward dan qed nistennew konferma mill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin peress li d-Dipartiment għal Gvern Lokali approva minn naħa tiegħu. Il-grupp tagħna tela' għal 58 persuna.

***Soċjeta Filarmonika Mnarja – Baveno*** – dawn ħarġu r-reklam għat-Tour tagħhom (13-16 Ottubru, €470) li aħna qed ngħinuhom fih. Is-Sindku ssuġġerixxa li bħala Kunsill nibgħatu lil xi ħadd magħhom. Kien hemm qbil li jew il-Kunsillier Micheal Camilleri jew il-Viċi Sindku, Eucharist Camilleri jattendi.

***Light Up the Night*** – Il-Kunsill ipparteċipa f'din l-attivita'u xgħelna it-Torri ta' Kenuna vjola (D Illumination) bħala awareness għal kundizzjoni tal-fibromyalgia. Il-Viċi Sindku, Eucharist Camilleri ssuġġerixxa li fil-Milied nagħmlu dawl aħmar.

**48.4. Korrispondenza.**

(6177) – Att Dwar Artijiet tal-Gvern, Kap 573 – Revizjoni tal-Kera'

(6178) – Email mingħand Baron Group – rigward insurance fuq it-Torri ta' Sopu. Kien hemm diskussjoni fuq din l-insurance u kien hemm qbil li min juza it-Torri għal attivita' kbira jrid jaħseb hu għal insurance.

(6179) – Ittra mill-Kummissjonarju Elettorali Prinċipali – Ġbir tar-Reġistru Elettorali għall-Kunsilli Lokali – April 2018

(6180) – Stedina mingħand Sport Malta rigward European Week of Sport 2018 Preparatory Meeting

(6181) – Email mingħand LESA rigward Kampanja Edukattiva

(6182) – Cir AKL 2018/053 – Sessjoni Informattiva – EEA & Norway Grants Fund for Regional Cooperation

(6183) – Notifika mingħand l-Awtorita' tal-Ippjanar dwar Avviż ta' Infurzar Fi Triq Wied ir-Rihan

(6184) – Stqarrija ghall-Istampa mill-Kummissjoni Elettorali – Registru Elettorali ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern – April 2018

(6185) – Cir AKL 2018/05 – Taħriġ ghall- Kunsilliera, membri tal-Kunsill u Segretarji fuq Evalwazzjoni ta' tenders fuq is-sistema EPPS

(6186) – Email mingħand Europe for Citizens Contact Point EU & International Affairs Unit (DLG) rigward EEA Norway FMs: Regional Fund 1st Call – Informative Session & Thematic Workshop – 17th May 2018

(6187) –Cir Akl 2018/49 – Seminar Vjolenza Domestika

(6188) – E mail mingħand Europe for Citizens Contact Point EU & International Affairs Unit (DLG) rigward URBACT Transfer Network

(6189) – Ittra mid- Dipartiment tal-Customer Services Ufficcju ta' l-Anzjani u l-Bzonnijiet Specjali għal Quddiesa ta' Jum l-Omm għall-Anzjani

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

(6190)- Cir SPI/5/2018 – Attivita – 'Light Up the Night' – dwar attivita' internazzjonali bil-għan li jinħoloq iktar gharfien dwar il-mard kroniku

(6191) – Ittra mingħand Għaqda Armar Triq Diċembru 13 rigward kollaborazzjoni mal kunsill biex jitella spettaklu tan nar sinkronizzat mal-muzika.

(6192) – Invit mingħand TM dwar workshop- how to plan sustainable mobility measures within Localities

(6193) – POC 136/2018 mingħand id-Dipartiment għal Gvern Lokali dwar – Procurement – Evaluation Committee. Peress li l-Kunsill irċieva din l-approval kien hemm qbil li jintuza l-board li kien hemm qabel.

(6194) –Cir AKL 2018/048 mingħand AKL – dwar Bordijiet ta' Aġġudikazzjoni Kuntratti

(6195) – Cir AKL 2018/043 mingħand AKL dwar Workshop – Progett MOBILITAS

(6196) – Ittra mingħand Arcipriet Dun Jimmy Xerri rigward Rivisita 'Luminaria'

(6197) – Email mingħand URBACT rigward 'Potential partners for WetrEIN Education Network'

(6198) – Cir AKL 2018/046 mingħand AKL dwar Skolasajf 2018

(6199) – Cir AKL 2018/047 AKL dwar Ħaddiema fuq Skemi mal-Kunsilli Lokali

(6200) – Email rigward attivita' Gozo Alive – Nafek Minn Wiccek exhibition

(6201) – Ittra mingħand ME CFS & Fibromyalgia Alliance Malta rigward 'Light Up the Night for May 12th International Awareness Day'

(6202) – Ittra t'apprezzament mingħand Segretarju tan Nadur Youngsters FC rigward it-tiswija tal fence tal ground mill-ħsarat li garrab bil-maltemp

(6203) –Email mingħand DLG rigward Partner Search for 2 Interreg Projects- fourth call for project proposals under the INTERREG EUROPE programme

(6204) – Cir SPI 4/2018 dwar Monumenti f'Malta u Għawdex

(6205) – Email minghand Local Councils Affairs rigward 'Nuqqas kontinwu u ripetut ta osservanza tal-kundizzjonijiet u struzzjonijiet mahruga minn Transport Malta'

(6206) Talba mingħand Għaqda Armar Pjazza San Pietru u San Pawl dwar kolloborazzjoni.

(6207) PQ numbru 5722

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

(6208) – Stqarrija ghall-Istampa mill- Kummissjoni Elettrali – Revizjoni tar- Registru Elettorali ghall- Elezzjoni Generali – April 2018

(6209) – Local Councils Procurement Policy Note (LCPPN No.1) – Duration of Contracts for the Provision of Services for Street Sweeping and Cleaning.

(6210) email minghand Foundation for Educational Services – Introduction Skola Sajf 2018. Ser nagħtu l-Kuntatt tal-Kunsilliera Dr. Rita Mifsud u tas-Sur Mark Azzopardi biex jekk ikun hemm xi proġett interesanti jinfurmawna.

(6211) – Ittra minghand Public Broadcasting Services Ltd rigward il-World Cup 2018. Kien hemm qbil li l-Kunsill Lokali tan-Nadur jiehu sehem.

**48.5. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti.**

Is-Sindku innota li l-iskeda tal-pagamenti tal-Laqgħa (46) tinkludi €10,000 lil Gatt Tarmac u €5,000 lil Road Construction sabiex nkunu ħallasna id-deficit tat-Tieni Kwart 2018. Din tinkludi ukoll il-Loan. Il-Viċi Sindku, Eucharist Camillieri innota li sejrin sew ħafna bil-pagamenti li hemm b'lura tal-PPP u qed jitħallsu kif suppost. Jekk il-Kunsill ta' wara din il-legislatura jibqu sejrin hekk għadhom jitħallsu sas-sena 2020 u jintaqa' dan id-deficit fuq il-PPP.

Is-Sindku innota li għandna wkoll konferma ta' sponsorships minn Segretarjat Parlamentari Biedja u Sajd ta' €3,000 għal Wirja Agrarja u anke €1,000 mill-MGOZ għal Charter.

Is-Sindku spjega fid-dettal lil-Kunsilliera s-Sitwazzjoni Finanzjara. Il-kontijiet tal-bank għandhom €270,000 li minnhom iridu jinqatgħu €29,000 f'ċekkijiet. Minnhom irridu nwarrbu €143,000 għal Triq il-Qortin Resurfacing u €20,000 għal kisi bil-conrete fi Triq Żrajk. Magħhom iridu jiżdiedu €10,000 reinbursement mingħand ir-Reġjun fuq l-Ewwel parti resurfacing ta' Triq il-Qortin u €13,000 refund tal-Karnival (€6K tal-MGOZ diġa daħlu). Jidher ukoll li jista jkollna madwar €20,000-€25,000 żejda minn Triq il- Qortin u Triq Zrajk peress li tenders ġew irħas. Dan ifisser madwar €123,000 disponibbli. Dan ikun ifisser li nkunu f'posizzjoni li nlaħħqu mal-pagamenti ta dan il-kwart, u anke nwarrbu €60,000 għal Rural Roads li dawn se neħduhom co-financing wara li napplikaw. Għandna ukoll refund minn Wasteserve li għandna nirċievu li jammonta għal madwar €5,500.

Il-Kunsilliera Dr. Rita Mifsud issuġġerit li jkun sew li kieku l-pubbliku jiġi infurmat bis-sitwazzjoni Preżenti tal-Finanzi u li mhux ser inħallu dejn il-Kunsill ta' wara permess ta' ittra. Kien hemm qbil fuq dan. Is-Sindku għandu jagħmel ittra u juri lil kunsilliera qabel.

Kien hemm xi kontijiet li ma kienux fuq l-iskeda tal-pagamenti li ġew approvati. L-iskeda ta' pagamenti ġiet approvata minn dawk preżenti.

### 48.6 Quarterly Report Jan-Apr 2018 u r-Risposta tal-Management Letter 2017;

Is-Sindku innota li dawn ġew diskussi waqt il-Laqgħa tal-Kumitat tal-Finanzi. Kien hemm preżenti l-Accountant tal-Kunsill fejn spjegat fit-tul dawn ir-rapporti u rrispondiet numru ta' mistoqsijiet li kellhom l-kunsilliera preżenti.

Is-Sindku innota li fil-Management letter tal-Awdituri kien hemm punt fuq l-adendums ta' xi offerti li kienu ġew approvati waqt laqgħat tal-Kunsill u kien hemm raguni validi għal dawn l-adendums. Is-Sindku innota li l-liġi tippermetti dan ukoll. Kien hemm ukoll punt ieħor fuq l-ammont ta' €143,000 mingħand il-Ministeru għal Għawdex fuq it-tieni parti ta' Resurfacing fuq Triq il-Qortin li l-Kunsill irċieva ic-cekk f'Diċembru 2017. Dawn daħħlu f'Jannar 2018 peress li l-offerta ġiet awarded f'din is-sena u kif ukoll ix-xogħolijiet ser issiru fis-sena 2018. Is-Sindku spjega li l-Awdituri talbu biex dawn jitpoġġew xorta fis-sena 2017. Is-Sindku kompla jgħid li dawn tpoġġew minn naħa tagħna fis-sena 2018 biex il-figura tal-financial statements 2017 tkun aktar reali.

Il-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar innotat li r-risposta tal-Management letter hi tajba ħafna. Hi talbet li jigi mizjud maghha li l-Kunsill hu impenjat li jkompli jindirizza l-problemi msemmija.

Wara diskussjoni mal-Accountant *L-Quarterly Report Jan-Apr 2018* u r-Risposta tal-*Management Letter year ending 2017* ġew approvati minn dawk kollha preżenti suggett għħal xi emendi mitluba.

### 48.7 Ambaxxatur taż-Żgħażagħ;

Is-Sindku innota li peress li hemm żewġ persuni validissimi, talab li jittieħed vot sigriet u dan biex kulħadd ikun fil-liberta li jiddeċiedi mingħajr pressjoni u ħadd ma jkun jista' jinterpreta l-vot. Wara vot li ttieħet L-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ il-ġdid huwa Matthias Mercieca.

### 48.8 Mnarja 2018

Il-Laqgħa tas-Sotto Kumitat Mnarja kienet fit-30 t'April.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

***Wirja Agrarja**:* Il-Mekren u Grech's Bakery se jippartecipaw. Charlie Camilleri se jagħmel xenarju bi crafts. Il-Preżentatur konfermat għas-Sibt ser ikun l-Kavallier Attard. Ser isir kuntatt ma Mary Said rigward l-ikel tradizzjonali Malti u Ines Buttigieg tgħin isservi. Is-Sindku innota li ser nixtru aktar pots għal prodotti u anke xkejjer għal tizjien tal-pots. L-artista tal-Mosaic, Mary Portelli ser tagħmel pot u tibqa fil-Pjazzetta. Tħallset mizata lil PRS għal-copyright tal-Muzika. Kien hemm qbil fuq dan kollu.

***Attivita' tat-Tfal:*** Is-Sindku innota li Brittany Attard se tippreżenta din l-attivita'. Il-Balloons Show ser tkun minn Marvic Bajada bl-ammont ta' €60 kull siegħa. Ser ikun hemm ukoll Pitch Futbol fil-Pjazza. Kien hemm qbil fuq dan.

***Kwotazzjonijiet:***

- NLC/04/2018-Call for Quotations for a PA System for Mnarja 2018- Kien hemm zewg kwotazzjonijiet. L-orħos offerta u konformi kienet ta' Cloud 9 Audio bl-ammont ta' €883 excl. VAT li ġiet approvata wara li kienet rakommandata mill-Board ta' l-Evalwazzjoni.
- NLC/03/2018- Call for Quotations for a Lighting system for Imnarja 2018- Kien hemm offerta waħda li kienet konformi ta' D Illumination Ltd bl-ammont ta' €1,990 excl. VAT li ġiet approvata wara li kienet rakommandata mill-Board ta' l-Evalwazzjoni.
- NLC/05/2018- Call for Quotations for Street Cleaning for Mnarja 2018- Kien hemm offerta waħda li kienet konformi ta' Maria Magro bl-ammont ta'€ 4,100 excl. VAT li ġiet approvata wara li kienet rakommandata mill-Board ta' l-Evalwazzjoni.

***Talbiet għall-Kollaborazzjoni mill-Għaqdiet**:* Kien hemm talba mingħand l-Għaqda Diċembru 13th għal kollaborazzjoni. Il-Kunsill qabel li jikkollabora f'din l-attivita' bl-ammont ta' €400.

Kien hemm talba għal kolloborazjoni oħra mingħand l-Għaqda Armar tal-Pjazza. Il-Kunsill qabel li jikkollabora ukoll bl-ammont ta' €200.

**48.9 Annual Meeting Charter 2018;**

Is-Sindku ta update fuq il-hosting li bħalissa qegħdin madwar 160 sodda inkluz ITS (li ser tgħin il-Ministru għal Għawdex) u Quaint Hotel għal-VIP's.

Sa issa l-Kunsill irċieva ħames delegazzjonijiet u qed nistennew li nirċievu l'bqija fil-ġranet li ġejjin.

Fuq it- Temi u Diskussjonijiet dawn se jieħdu ħsiebhom Dr. Andrew Azzopardi u Joseph Vella fejn iltaqa' magħhom is-Sindku dwar kif se jimxu. It-topics magħzula huma:- *Growth and Economic Divide, Participation and Citizenship, Migration and Extremism, Demographic Challenges and Brain Drain.*

Ser tingħata Memento lid-Delegazzjonijiet u Membri Distinti, dan qed jinħadem minn l-artist Charlie Camilleri.

Rigward l-information pack lil Partecipanti, ser nippruvaw nakkwistaw basktijiet bi sponsor u anke ir-rigali u materjal ta' go fihom.

Is-Sindku tkellem fid-dettal rigward id-draft budget tac-Charter.

Kien hemm qbil fuq dan kollu.

Il-Viċi Sindku, Eucharist Camilleri innota li hemm il-Presidum tac-Charter u talab l-approvazzjoni tal-Kunsill biex hu ikun hemm ukoll. Is-Sindku talab lil-Kunsill japprova lil Viċi Sindku biex ikun parti min dan il-Presedum, l-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar issekondat din it-talba.

**48.10 Attivitajiet, Skemi u Inizjattivi;**

***Ħarġiet Anzjani*** – Is-Sindku innota li l-ħarga f'Malta kienet suċċess kbir u anke zviluppajna ritratt ta' tifkira lil Anzjani. Il-ħarga li jmiss ser issir għada u tingħata pjanta lil anzjani waqt l-attivita'. Is-Sindku innota ukoll li irċevejna numru ta' rigali sponsored mingħand Kozmos, Patrick, Azzopardi Supermarket, C Town supermarket, Green Fingers u Abraham. Kien hemm qbil fuq dan.

***Korsijiet tas-Sajf:*** Ġie deċiz li jkun hemm Aerobics u Fitness ma' Annette Portelli Said, Bizzilla mingħand Guza Sammut, Arts u Crafts mingħand Charlie Camilleri u football Fun for Beginners man-Nursery.

***Extra Waste Collection*** **–** Is-Sindku innota li Wasteserve issa ser tibda tagħti refund ta' extra collection. Kien hemm diskussjoni jekk għandux ikun hemm ġbir ta borza sewda nhar ta' Sibt fis-sajf. Il-Kunsilliera ma ħadux deċizjoni fuq dan u ser jistennew rispons minn Nadur Nadif.

**Skema Tagħlim** – Il-Kunsill applika għal din l-iskema taht kors minn TCTC għall-Anzjani.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

**Clean Up u Nadur Nadif**: Wehel bin ġdid taż-żibel Ta' Kenuna li qed jintuza ħafna. Weħlet tabella ġdida f'Wied Bingemma. Luke Galea ta update dwar il-ħidma Nadur Nadif.

**Cicciano – Festa Nadur**: Is-Sindku innota li ser ikun hawn grupp ta persuni fostna għall-festa. Il-Kunsilliera, Dr Rita Mifusd issuġġerit li minflok transport noffrulhom li jkunu mistidna l-ikla tax-xalata. Is-Sindku issuġġerixxa ukoll li niltaqu magħhom bhala Kunsill fir-residenza li ser ikunu u nipprovdu x-xorb. Kien hemm qbil fuq dan.

**48.11 Proġetti u Xogħolijiet Oħra**

***Offerta Pubblika Triq Żrajk*** – Kien hemm tlett offerti. Ġiet approvata l-orħos u konformi ta' Peter Paul Said bl-ammont ta' €10,381.86 excl. VAT wara li kienet rakommandata mill-Board ta' l-Evalwazzjoni.

***Triq il-Qortin***: Il-Kunsill qed jistenna permessi u jista' jinbeda ix-xogħol.

***Triq ir-Ramla l-Qadima*** – Is-Sindku innota li gie mitlub mill-MGOZ biex jindika triq li għandha bzonn it-tarmak. Is-Sindku issuġġerixxa Triq ir-Ramla l-Qadima. Il-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar issuġġeriet Triq Torri Sopu. Kien hemm qbil mill-Kunsilliera li titranga Triq ir-Ramla l-Qadima peress li qeda fi stat ħazin ħafna.

***M4.3 Rural Roads****:* Is-Sindku mar laqgha mal-MA u ARPA dwar dan. L-Offerta inħarget malajr u ser tagħlaq daqt. Il-Bord tal-Evalwazzjoni diġa miftiehem biex jiltaqa' u l-Kunsill jrid jiltaqa' b'urġenza. Ġie maqbul li l-persuni tal-Board tal-Evalwazzjoni ikunu:- William Sultana-Chairman, Perit Edward Scerri- Evaluator, L-Accountant Michelle Camillieri-Evaluator, Dr. Nadia Vella-Evaluator u s-Segretarja tal-Kunsill- Sue-Ellen Bugeja. Is-Sindku innota li tlabna għal contract extension sal-aħħar ta' Awissu.

***UIF Funds****:* Is-Sindku innota li saret laqgħa mal-Bord tal-DPF dwar il-wiċċ tal-grawnd fejn kien preżenti l-Perit Edward Scerri, is-Sindku u s-Segretarja. Issa ser tidaħħal l-applikazzjoni formali kemm għal grawnd, is-safety mats tal-Playing Fields u l-outdoor gym. Is-Sindku issuġġerixxa li jsir Mosaic mal-pedestall tal-Monument tal-Familja fil-Ġnien tal-Familja. Il-Viċi Sindku, Eucharist Camilleri issugerixxa li jkun l-aħjar jekk inġibu permess mingħand Dr. Chris Said li kien hu li offra personali li jagħmel dan il-Monument u kif ukoll mingħand l-artist John Grima. Kien hemm qbil fuq dan.

***Xogħol ieħor***:

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

- ***Ġonna*** –Is-Sindku innota li sar maintenance fuq il-playing field tal-Ħali u anke trangat il-Gazebo. Sar ukoll maintenance fil-Ġnien Ta' Kenuna li kwazi lest ukoll. Aktar maintenance ser issir fil-ġranet li ġejjin fuq Ġnien Kunsill, Playing Field u Gnien San Blas.

- ***Tenders Machinery u Concrete*** –Is-Sindku innota li dawn ser jinħargu l-offerti u jkun hemm il-board normali ta' qabel. Kien hemm qbil fuq dan.

**48.12 Rikjesti u Talbiet mill-Pubbliku.**

Talba mingħand Peter Paul Vella resident fi Triq Grunju minħabba problema fid-drenaġġ. Kien hemm qbil li jmur espert fuq il-post bil-camera taħt l-art u jagħti rapport lura lil Kunsill fuq dan.

Talba għal Patching fi Triq Daħlet Qorrot bis-sement u jitranga puntun. Kien hemm qbil.

Talba għal-dustbin ġdid ħdejn il-Mużew tas-Subien. Kien hemm qbil.

Talba biex jinbiddel il-fanal fi Sqaq Wied ir- Riħan minħabba problemi rikurrenti. Kien hemm qbil.

Accounting and Sage Line 50 Computerised Accounts for Local Council-Kien hemm qbil li tintbgħat is-Segretarja għal dan il-Kors.

Kien hemm qbil ta' Kollaborazzjoni mal-Mużew tal-Bniet għal fuel.

Talba għal-mera ġdida fi Triq ir-Rabat u oħra Triq Duru. Kien hemm qbil.

Il-Viċi Sindku, Eucharist Camilleri għamel reminder rigward yellow lines fi Triq tad-Duru c/w Triq il-Plier. Is-Segretarja infurmat li dawn intbgħatu għal-approvazzjoni ta' TM.

Il-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar għamlet reminder rigward il-bankina ħdejn il-Muzew Marittmu.

Il-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar għamlet reminder rigward iz-zrar biex jitnaddaf fi Triq it-Torri ta' Sopu.

Il-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar innotat li hemm bzonn jinqata' il-ħaxix ta' Triq il-Buskett.

Il-Viċi Sindku, Eucharist Camilleri għamel reminder rigward il-bozza fir-Rock Garden ta' Triq ir-Ramla peress li qed jintrema ħafna ħmieġ.

Is-Segretarja u l-Kunsillier Micheal Camilleri innotow li irċievew talba li kienet ġiet diskussa f'laqgħa qabel mingħand l-Għaqda Armar Triq il-Knisja rigward toqob ġodda għal l-armar. Is-Sindku innota li dawn it-toqob zdiedu fl-ammont u l-Kunsill m'għandux jieħu r-risponsabilita' rigward l-entitajiet konċernati li huma Go plc, Melita, WSC, Enemalta u kif ukoll ir-residenti ta'

din it-triq. Is-Sindku nfurma lil Kunsilliera preżenti li hu mhux ser jieħu sehem f'din id-diskussjoni. Il-Kusnilliera l-oħra tkellmu fit-tul rigward dan. Il-Viċi Sindku, Eucharist Camilleri għamel mozzjoni biex il-Kunsill jikkollabora bl-ammont ta' €500 fejn tingħata invoice tax-xogħolijiet li saru. Il-Kunsilliera Dr. Rita Mifsud issekondat din il-mozzjoni u l-Kunsilliera l-oħra qablu fuq dan. Ġie deċiz li jingħata kundizzjonijiet permess ta' ittra u jiġu informati l-entijiet konċernati u residenti mingħand din l-għaqda u mhux mingħand il-kunsill. Dan il-ħin is-Segretarja informat lis-Sindku jidħol lura għal-laqgħa.

Il-Kunsilliera Dr.Rita Mifsud u l-Viċi Sindku, Euchaist Camilleri issuġġerixxaw li għandu jkun hemm budget tal-kolloborazzjonijiet li jingħataw fil-futur fuq il-festa. Il-Viċi Sindku, Eucharist Camilleri issuġġerixxa li għandha issir laqgħa għal l-għaqdiet rigward dan. Is-Sindku nnota li wara l-Imnarja għandha titlesta *breakdown* ta' l-Imnarja ta' kemm l-Kunsill qed jikollabora fil-festa biss u jinfurmaw lin-nies b'dan. Is-Sindku kompla jgħid li imbgħad isiru kundizzjonijiet f'dokument u jiġi approvat għal Imnarja oħra. Kien hemm qbil dwar dan kollu mill-Kunsilliera preżżenti.

**48.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa spiċċat fit-8:30 p.m. Il-Kunsill qabel li laqgħa oħra ssir nhar it-Tlieta 12 ta' Gunju fil-5:00p.m u laqgħa tac-Charter is-Sibt 26 ta' Mejju.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva